# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Ħdax (11) ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 801/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**Vs**

**John Azzopardi (ID 447478M)**
**u**
**Elizabeth Azzopardi Abdilla (ID 251674M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Awissu 2019, li permezz tiegħu l-bank rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi in forza ta' kuntratt tas-27 ta' Awwissu 2008 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani il-Bank attur ta' faċilitajiet bankari lill-konvenuti John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla, dak iż-żmien Elizabeth Abdilla, konsistenti f'self fl-ammont ta' sitta u tletin elf u tmien mitt Euro (€36,800) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 30 ta' Ġunju 2008 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

    2. *Illi għalkemm fl-ewwel ftit snin il-konvenuti, jew min minnhom kienu jagħmlu pagamenti regolari fuq dan is-self, mis-sena 2016 ma baqgħux isiru l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom*

*skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, mija u sebgħa u erbgħin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€35,147.76), dovuta in kwantu għal tmienja u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tmenin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€28,781.79) bħala bilanċ mill-kapital mislufa l-konvenuti John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla, u r-rimanenti sitt elef, tlett mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€6,365.97) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ġunju 2019, kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18047168 immarkat Dok. C, u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi in forza ta' kuntratt ieħor tat-8 ta' Mejju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Ryan Calleja, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja oħra lill-konvenuti John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla solidalment bejniethom konsistenti f'self fl-ammont ta' wieħed u tletin elf ewro (€31,000.00) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 17 ta' Jannar 2012 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. D u Dok E);*

5. *Illi anki fuq dan is-self, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

6. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' tlieta u tletin elf, disa' mija u sebgħa u ħamsin ewro u sittax-il ċenteżmu (€33,957.16), dovuta in kwantu għal tmienja u għoxrin elf u ħmistax-il ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€28,015.69) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti ħamest elef, disa' mija u wieħed u erbgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,941.47) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ġunju 2019, kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwisjoni bin-numru 18077154 immarkat Dok. F, u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

7. *Illi għalhekk il-konvenuti flimkien huma debituri solidali tal-bank attur fis-somma globali ta' disgħa u sittin elf, mija u erba' ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€69,104.92) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;*

8. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-ammonti dovuti minnhom fuq id-djun fuq imsemmija, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 29 ta' Ottubru 2018 li ġġib in-numru 3647/18 (annessa bħala Dok. G), baqgħu morużi fil-pagamenti.*

*Għaldaqstant il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i)* *Tiddikjara li l-konvenuti John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' disgħa u sittin elf, mija u erba'* Euro *u tnejn u disgħin ċenteżmu (€69,104.92) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;*

*(ii)* *Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' disgħa u sittin elf, mija u erba' ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€69,104.92) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-19 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 29 ta' Ottubru 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' dan il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur in sostenn mal-pretensjoni odjerna.

3. Rat illi l-intimat John Azzopardi ġie notifikat fit-12 ta' Settembru 2019 filwaqt illi l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla ġiet notifikata fid-19 ta' Settembru 2019. (fol 45)

4. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2019, l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla ippreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha fejn qajjmet is-segwenti difiżi:

*1. Illi l-esponenti ma taqbilx kategorikament mal-premessi u pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti għas-segwenti raġunijiet:*

*a. Illi fl-ewwel paragrafu, is-soċjeta' rikorrenti tiddeskrivi kif in forza ta' kuntratt datat 30 ta' Ġunju 2008 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, l-esponenti daħlet, flimkien mal-konvenut John Azzopardi, għal self ta' Mija u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€125,000). Illi dan is-self oriġinarjament daħlet għalih fl-1997 flimkien mal-ex-sieħeb tagħha Norman Buttigieg li kellu kont mal-Bank of Valletta, u li meta sar il-kuntratt fl-2008, dan sar bl-iskop illi jkun hemm trasferiment għal fuqha mal-Bank HSBC. Illi l-unika raġuni għalfejn il-konvenut John Paul Azzopardi iddaħħal bħala garanti kien minħabba li f'dak iż-żmien (2008), huma kienu jinsabu f'relazzjoni ma' xulxin.*

*b. Illi addizzjonalment għas-suespost, dwar it-tieni paragrafu, il-pagamenti ta' dan is-self dejjem saru minn naħa tal-esponenti. Hija tixtieq tkompli tagħmel dan il-ħlas mill-iktar fis possibli, imma dan wara li l-konvenut John Paul Azzopardi jinqata' minn garanti fuq l-imsemmi self għaliex m'għandha x'taqsam xejn ma' dan is-self.*

*c. Illi l-inadempjenza imsemmija fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur kienet sforz ta' ftuħ ta' proċeduri għal separazzjoni personali bejn il-konjuġi Azzopardi, u għaldaqstant l-esponenti ngħatat parir sabiex tieqaf tagħmel dawn il-pagamenti. Dan minħabba li l-konvenut John Paul*

*Azzopardi kien qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jieħu vantaġġ mill-loan repayments li jista' jieħu permezz taż-żwieġ tagħhom, bi preġudizzju għall-esponenti.*

*d. Illi rigward is-self illi sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Keith Ryan Calleja nhar it-8 ta' Mejju 2012, dan kien sar mill-konvenut John Paul Azzopardi, imma peress illi dak iż-żmien huma kienu miżżewġin, hija kienet iddaħħlet mill-Bank attur bħala parti f'dan is-self b'ipoteka fuq id-dar tagħha. Illi l-unika flus illi ħarġet l-esponenti kienu fi spejjeż fuq id-dar tagħha, u ta' dawn l-ispejjeż hija tiddikjara lilha nnifisha responsabbli.*

*2. Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda teżimi ruħha minn kull responsabbilta' li tagħmel tajjeb għal dawn id-djun li daħal għalihom il-konvenut John Paul Azzopardi u huma unikament ir-responsabbilta' tiegħu, u l-esponenti dehret biss minħabba li kienet il-miżżewġa tiegħu.*

*3. Illi għalhekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif magħmula għandhom ikunu miċħuda fil-konfront tagħha peress li ser jirriżulta illi ma kinitx d-debitur prinċipali, u li effettivament kien l-intimat l-ieħor John Paul Azzopardi li għandu jiġi dikjarat uniku debitur għat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonjiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

5. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2019, deher l-intimat John Azzopardi, assistit, iżda eċċezzjonijiet ma kinux daħlu fit-terminu prefiss mill-Liġi, u għalhekk ġie dikjarat kontumaċi.

6. Rat illi fit-18 ta' Frar 2020, wara varji differimenti sabiex is-soċjeta' rikorrenti tagħmel korrezzjonijiet fl-atti tal-kawża, liema korrezzjonijiet ġew awtorizzati mill-Qorti fl-14 ta' Frar 2020, il-kawża tħalliet għall-provi.

7. Rat il-vera kopja tal-kuntratt ta' self datat 27 ta' Awissu 2008 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, fejn l-intimati John Paul Azzopardi u Elizabeth Abdilla, flimkien, ingħataw self ta' **€36,800** (fol 62).

8. Rat l-affidavit ta' **Edward Mizzi**, Retail Recoveries Manager fi ħdan il-bank rikorrenti, ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2020 (fol 68) flimkien ma' rendikont dettaljat taż-żewġ kontijiet meritu tal-kawża odjerna (fol 70 u fol 73).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Claudia Muscat**, Senior Legal Counsel fi ħdan is-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2020 (fol 82).

10. Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' bankarja rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

11. Rat l-affidavit ta' **Elizabeth Azzopardi Abdilla** ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2021 (fol 89) flimkien ma' dokumentazzjoni minnha ppreżentata.

12. Semgħet ix-xhieda ta' **John Azzopardi**, prodott mill-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla, mogħtija fit-13 ta' Lulju 2021.

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Sina Ebejer**, rappreżentant tal-Bank rikorrenti u prodotta mill-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla, mogħtija fit-13 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata (fol 193).

14. Semgħet ix-xhieda in kontro eżżami ta' Elizabeth Azzopardi Abdilla mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2021 (fol 203).

15. Rat illi fis-16 ta' Marzu 2022 ġie dikjarat mill-partijiet illi ma kellhomx ebda provi oħra x'jippreżentaw, u għalhekk l-istadju tal-ġbir tal-provi ġie dikjarat magħluq.

16. Rat is-sottomissjonijiet tal-Bank rikorrenti ippreżentati fit-8 ta' April 2022 (fol 208).

17. Rat is-sottomissjonijiet ta' Elizabeth Azzopardi Abdilla ippreżentati fil-11 ta' Mejju 2022 (fol 217).

18. Rat illi ġie osservat, fit-30 ta' Mejju 2022, illi l-kontumaċi John Azzopardi ma ppreżenta ebda sottomissjonijiet.

19. Rat illi fit-30 ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta illi l-intimati John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla iżżewġu fis-sena 2009, u din wara illi kienet ilha f'relazzjoni ma' persuna oħra sa mis-sena 1997.

21. Jiriżulta illi sussegwentement l-intimati John Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla sseparaw de facto fis-sena 2015 u saħansitra kellhom iż-żwieġ tagħhom annullat fis-sena 2021.

22. Jirriżulta illi, fir-relazzjoni mal-persuna l-oħra, illi ma tissemmhiex mill-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla, hija kienet daħlet f'loan għal dar li kienet xtrat flimkien ma' tali terza persuna.

23. Jirriżulta illi, filwaqt li tali loan ma huwiex il-meritu tal-kawża odjerna, l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla għamlet referenza għal tali loan kemm fix-xhieda tagħha kif ukoll fis-sottomissjonijiet tagħha, għalkemm ma għandha ebda rilevanza għall-proċeduri odjerni.

24. Jirriżulta illi, jkun opportun li jiġi riprodott bran mis-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tagħha li jirriassumi biċ-ċar il-posizzjoni legali ta' l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla.

> *4. Illi l-esponenti umilment tissottometti illi hija mhux qiegħda bl-ebda mod tinnega l-fatt illi kienu nħarġu żewġ loans fuq isimha u fuq isem il-konvenut John Paul Azzopardi, liema loans kienu ttieħdu mal-HSBC Bank Malta p.l.c., fejn kif korettement spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet far-rikorrenti, l-ewwel self kien għall-ammont ta' sitta u tletin elf u tminn miitt ewro (€36,800), u t-tieni self kien fl-ammont ta' wiehed u tletin elf ewro (€31,000).*
>
> *5. Illi l-esponenti umilment tissottometti, illi hija fl-ebda mument ma kienet volontarjament konformi mal-ħruġ ta' dawn l-imsemmija loans, u dana peress*

*illi hija kienet taf illi kellha l-loan tad-dar xi tħallas u li din kienet diġa biżżejjed u ma setgħetx tħallas loans oħrajn, dan hekk kif joħroġ ċar mill-affidavit tal-esponenti;*

*6. Illi filwaqt illi l-esponenti taqbel ma dak sottomess mir-rikorrenti f'paragrafu sbatax (17) tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ċioe' illi l-esponenti u l-konvenut kienu ntrabtu solidalment bejniethom sabiex jagħmlu l-ħlasijiet relattivi, hawn għandu jittieħed konjizzjoni wkoll taċ-ċirkostanzi kollha preżenti fil-każ odjern, u għalhekk umilment jiġi sottomess illi dan mhux każ sic et simplicitur;*

25. Jiriżulta ċar illi l-argumentazzjoni ta' l-intimata Elizabeth Abdilla Azzopardi ma huwiex illi l-ammont ma humiex dovuti, imma illi tali ammont ma humiex dovuti minnha imma mir-raġel tagħha John Paul Azzopardi, illi ma ngħatat ebda indikazzjoni jekk kienux separati legalment jew le.

26. L-intimat kontumaċi John Paul Azzopardi, da parte tiegħu, fix-xhieda tiegħu mogħtija fuq talba ta' l-intimata Elizabeth Abdilla Azzopardi, stqarr illi huwa ma kellu ebda oġġezzjoni illi l-ammonti mitluba mill-bank rikorrenti huma dovuti, iżda nsista illi tali flejjes kienu dovuti b'mod ugwali bejnu u bejn l-ex-martu Elizabeth Azzopardi Abdilla.

**Ikkunsidrat**

27. Jirriżulta illi l-Bank rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tagħha, saħqet illi ma hemm ebda raġuni għaliex iż-żewġ intimati, solidalment bejniethom, ma għandhomx jagħmlu tajjeb għad-dejn minnhom assunt flimkien.

28. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal sentenza msemmija mill-istess Bank rikorrent, ossija il-kawża '**HSBC Bank Malta plc vs Julian Coppola et'**, deċiża mill-Prim' Awla fil-21 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*Il-konvenuti ntrabtu għall-ħlas tas-self in solidum meta kienu miżżewġin u għalhekk ir-responsabbilita' tagħhom hi intiera għall-ħlas kollu tas-self fil-konfront tal-bank bid-dritt ta' rivalza bejn il-konvenuti skont il-ftehim bejniethom li l-bank ma hux parti għalih. Il-kuntratt ta' separazzjoni ma jorbotx lill-bank attur għax hu biss inter partes.*

29. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, mhux talli hemm kuntratt ta' separazzjoni, talli ma ngħata assolutament ebda indikazzjoni dwar jekk attwalment il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom ġiex attwalment xolt jew le, bir-riżultat illi jidher illi ż-żewġ intimati għad għandhom il-komunjoni tal-akkwisti viġenti, għal anqas għal dak illi jirrigwarda ż-żewġ loans meritu tal-kawża odjerna.

30. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla, tul il-provi kollha tagħha, ittentat illi tqajjem l-argumentazzjoni illi hija iffirmat għaż-żewġ kuntratti ta' self meritu tal-kawża odjerna riżultat ta' biża u vjolenza illi l-intimat John Paul Azzopardi kien allegatament jissuġġettaha għalih, ma jirriżultax suffiċjentement ippruvat illi tali allegat azzjoni tal-ex raġel tagħha huwa biżżejjed biex jivvizzja l-kunsens tagħha fil-kuntratti tas-27 ta' Awissu 2008 u 8 ta' Mejju 2012.

31. Jiġi, di fatti, osservat, illi huwa kemmxejn inverosimili illi kienet sfurzata illi tidħol fil-kuntratt ta' Awissu 2008 meta, dak iż-żmien, kienet għadha mhux miżżewġa ma' John Paul Azzopardi, u di fatti żżewġitu s-sena ta' wara.

32. L-istess jista' jingħad għal dak illi jirrigwarda l-kuntratt ta' self li sar f'Mejju 2012 – ma ġie muri ebda biża li seta' b'xi mod ivvizzja l-kunsens tagħha, kif donna qiegħda tipprova timplika fix-xhieda u sottomissjonijiet tagħha.

33. Il-Qorti tifhem illi hemm differenza ta' ideat bejn l-intimata Elizabeth Azzopadi Abdilla u John Paul Azzopardi dwar min għandu jħallas il-loans tas-soċjeta' rikorrenti, fejn l-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla tinsisti illi John Paul Azzopardi għandu jħallas kollox hu, filwaqt illi John Paul Azzopardi jinsisti li għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet – madanakollu, li huwa ċert huwa illi l-Bank rikorrenti ma għandu jaħti għal ebda raġuni għal dawna d-differenzi bejn il-koppja Azzopardi li sfaxxalhom iż-żwieġ u sussegwentement ġie lilhom annullat fuq talba ta' Elizabeth Azzopardi Abdilla.

34. Għalhekk, il-Qorti tqis illi d-difiżi mqajjma mill-intimata Elizabeth Azzopardi Abdilla ma għandhomx jiġu kkunsidrati favorevolment.

35. Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi John Paul Azzopardi, għalkemm deher fil-Qorti u ta il-verżjoni tal-fatti tiegħu, naqas, kemm milli jippreżenta eċċezzjonijiet u wisq anqas biex jippreżenta sottomissjonijiet finali da' parte tiegħu – il-Qorti tqis illi tali nuqqas jimmerita illi jiġi kkunsidrat minn dina l-Qorti meta tkun qiegħda tikkunsidra l-kap tal-ispejjeż.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet lilha ppreżentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata Elizabeth Abdilla Azzopardi, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tiddikjara** li l-konvenuti John Paul Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' disgħa u sittin elf, mija u erba' Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€69,104.92) rappreżentanti l-bilanċ tal-Kont Nru 18047168 u Kont Nru 18077154, kif aħjar deskritti fir-rikors promotur.

**Tikkundanna** lill-istess konvenuti John Paul Azzopardi u Elizabeth Azzopardi Abdilla, solidalment bejniethom, sabiex iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' disgħa u sittin elf, mija u erba' ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€69,104.92) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-19 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni, kemm tas-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c u ta' Elizabeth Azzopardi Abdilla għandhom ikunu kollha esklussivament a kariku ta' l-intimat John Paul Azzopardi.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**